MT



# Carlo

mcyn

malta catholic youth network

**Il-Kitba tat-test:**

Deborah Ebejer
Malta Catholic Youth Network
Riżorsa għall-adolexxenti

**Id-Disinn:**

Nicolai Borg
Digital Presence Office – Arċidjoċesi ta' Malta

**ISBN:**
978-99932-49-74-0

# Carlo

**mcyn**

malta catholic youth network

# Introduzzjoni

Qatt ħassejt li d-dinja trid li kulħadd ikun l-istess? Jidher l-istess, jaġixxi bl-istess mod, itella' l-istess posts? Huwa faċli li taqa' fin-nassa li tikkopja lil ħaddieħor biex tħossok aċċettat.

Qatt ħassejt li d-dinja tagħġnek biex tkun bħall-oħrajn? Kulħadd jitfa' l-istess affarijiet online, jilbes bl-istess stil, jitkellem bl-istess mod ... u jekk ma timxix mal-kurrent tħossok tinqata' barra mir-realtà.

Imma mbagħad ikollok persuna bħal Carlo Acutis, żagħżugħ bħali u bħalek, li dawwar din l-idea ta' taħt fuq. Magħruf li kien qal: ***"In-nies kollha jitwieldu oriġinali, imma ħafna jmutu fotokopji."***

**Fi kliem ieħor, inti twelidt biex tkun int, mhux kopja ta' ħaddieħor!**

Carlo twieled fl-1991 u kien iħobb il-futbol, il-video games, l-annimali, jiltaqa' mal-ħbieb, u iva ... kellu wkoll jagħmel ix-xogħol tal-iskola. Imma dak li għamel lil Carlo differenti kien kif għex: għex b'għan. Ma ħela l-ebda ħin jipprova jkun xi ħadd ieħor. Huwa ħabb lil Alla b'mod sempliċi u ta' kuljum, u proprju dan li għamlu speċjali.

Minkejja li miet t'età żgħira, ta' 15-il sena biss, Carlo ħalla marka li għadha tispira lil ħafna. Illum hu qaddis, u nies madwar id-dinja kollha jaraw fih eżempju ta' kif tgħix b'mod sħiħ, tħobb b'mod veru, u tibqa' leali lejk innifsek.



L-għan ta' dal-ktejjeb mhux li jagħmillek prietka ta' kif għandek tgħix biex tkun perfett. Huwa sempliċement stedina, biex tara kif il-fidi mhix għax-xjuħ jew għan-nies 'qaddisin'. Hija għal kulħadd: għalik, għalija, u għal kull min għandu kuraġġ biżżejjed biex jgħix bl-aktar mod awtentiku, biex ikun hu nnifsu, u jħalli lil Alla jagħmel parti minn dan il-vjaġġ.

Mela ħu ftit ħin, agħti titwila 'l-istorja ta' Carlo, u ara x'jolqtok. Min jaf? Forsi tagħraf kif li tkun inti — proprju inti bla pretenzjonijiet, bla maskri — hu proprju dak li d-dinja għandha bżonn bħalissa.

- I -

# Iż-Żagħżugħ li Poġġa l-Ewkaristija Online

# Iż-Żagħżugħ li Poġġa l-Ewkaristija Online

Ejja nkunu sinċieri: illum il-ġurnata li tkun online sar parti mill-ħajja ta' kuljum. Inħobbu naqsmu dak li qed nagħmlu, intellgħu l-aqwa ritratti, nippowstjaw xi challenge jew trend biex naraw kemm niġbru likes jew views. L-internet sar it-tieni dar tagħna: post fejn ngħixu, nitkellmu, nidħku, u nesprimu ruħna … u nammettu, xi drabi nitilfu naqra ħin mhux ħażin inħarsu x'qed jagħmlu l-oħrajn. Xi kultant is-social media tinħass qisha tellieqa għal-likes, għall-views, u għas-segwaċi. Kulħadd irid ikun influencer.

**Imma mhux dejjem kienet hekk.**



Ippermettuli, naqra ta' millennial bħali, ngħidilkom ftit kif kienet il-ħajja meta l-internet kien fil-bidu tiegħu.

F'dak iż-żmien (is-snin 90 biex inkunu preċiżi), dehret fuq l-orizzont teknoloġija totalment ġdida u qisha ġejja minn film tal-fantaxejnza: l-Internet! Kien xi ħaġa ġdida, mimlija misteru u possibbiltajiet li ħadd ma kien ħolom bihom qabel. Kien żmien affaxxinanti, fejn id-dinja f'daqqa waħda bdiet tidher iżgħar, u bi klikk wieħed issa stajt tibgħat messaġġ minn naħa għal oħra tad-dinja.

U proprju f'dan iż-żmien ta' skoperta, Carlo Acutis ra opportunità.

Hu staqsa: ***"Għax ma nużax l-internet biex inxandar l-Evanġelju? Għax ma nużax din l-għodda biex inwassal in-nies qrib Ġesù?"***



U hekk għamel. Carlo uża l-ħiliet tiegħu biex joħloq sit li kienet kollha dwar il-mirakli ewkaristiċi. Irriċerka, ġabar l-istejjer, organizza l-informazzjoni, u ddisinja spazju online fejn in-nies setgħu jsibu dawn is-sinjali tal-preżenza ta' Alla.

Dak li beda b'mod sempliċi spiċċa jivvjaġġa mad-dinja kollha! L-esibizzjoni tiegħu ntweriet f'ħafna parroċċi, skejjel, u komunitajiet, anke f'postijiet li qatt ma żar. Carlo kien jgħid: ***"L-Ewkaristija hija triqti għall-Ġenna."***



**U permezz tas-sit tiegħu ried jgħin lill-oħrajn jiskopru din it-triq ukoll.**

Ma kellux superpoteri. Kellu kompjuter, qalb mimlija mħabba, u rieda li juża dak li jaf biex jagħmel id-differenza.

Carlo wriena li m'hemmx bżonn tkun adult, saċerdot, jew soru biex tagħmel differenza fid-dinja. Il-qdusija mhix kwistjoni ta' kemm tkun perfett jew monotonu: hija biss li tkun taf tħobb. Tħobb bis-serjetà, tgħix b'sinċerità, u tuża dak li għandek, anke TikTok u Instagram, biex tagħmel differenza f'ħajjet l-oħrajn.

# Aqsam bħal Carlo!

Bħalma Carlo Acutis uża l-internet biex jaqsam dak li kien importanti għalih, anke aħna nistgħu nkunu evanġelizzaturi kreattivi bl-istil tagħna.

**Aħseb ftit ...** kieku kellek ittella' post, reel, jew story waħda biex twassal lil Kristu lill-oħrajn, x'tagħmel?

**Fuq xiex tixtieq tiffoka?**

Tista' tagħmilha dwar:

- Ġesù
- Qaddis li tħobb
- L-Ewkaristija
- Vers mill-Bibbja
- Kwotazzjoni li tispirak
- Esperjenza tal-fidi tiegħek

Tista' tkun:

- Disinn ta' post fuq Instagram
- Kunċett ta' reel
- Idea għal TikTok
- Kampanja ta' hashtag
- Caption jew messaġġ

# Iddisinjaha hawn!

Ikteb il-caption tiegħek!

Oħloq il-hashtag tiegħek!

#



- 2 -

# Iż-Żagħżugħ li Sab Ħabib fl-Ewkaristija

# Iż-Żagħżugħ li Sab Ħabib fl-Ewkaristija

Meta naħsbu fuq il-ħbiberiji, ġeneralment jiġuna f'moħħna memorji ma' sħabna, il-ħin li nqattgħu nitkellmu, niċċajtaw, u kif naqsmu ħajjitna magħhom. Ma tagħmilx differenza jekk nagħmlux dan wiċċ imb wiċċ jew fuq il-mobile għax finalment il-ħbiberiji jinbnew fuq kif nibqgħu f'kuntatt ma' xulxin.

Aħseb ftit, meta ssib xi *reel* tad-daħq jew tara xi ħaġa li tħobb, x'tagħmel? **Taqsamha ma' sħabek.**



Tiġi awtomatika. Il-mobiles tagħna saru bħal stedina miftuħa biex nibqgħu qrib il-maħbubin tagħna, kull ħin u kull fejn inkunu. Ħafna minna għandna anke r-ritwali tagħna; inħarsu lejn il-mobile kif niftħu għajnejna u qabel norqdu, għax irridu nibqgħu konnessi.

Carlo kellu drawwa wkoll. Imma kienet daqsxejn differenti.

Kuljum kien jidħol f'xi knisja, joqgħod fis-skiet quddiem it-tabernaklu u jqatta' l-ħin ma' Ġesù. Għalih, Ġesù ma kienx biss xi ħadd li sema' bih waqt il-quddiesa: kien ħabib tiegħu. U bħalma ħabib ikun dejjem online, dejjem disponibbli, Ġesù qed jistenniena fl-Ewkaristija b'idejh miftuħa biex iqatta' ħinu magħna.



U aktar ma Carlo qatta' ħin ma' Ġesù fl-Ewkaristija, aktar qalbu bdiet tinbidel. Bħal meta toħroġ minn kamra mimlija fjuri u tibqa' tinxtamm tfuħ. Ma kellux bżonn talb twil jew kliem diffiċli, kien sempliċement jiftaħ qalbu ma' Ġesù, jaqsam il-ferħ, id-dubji, u ż-żminijiet diffiċli, bħalma tagħmel ma' ħabib li taf li tista' tafdah.

Carlo qal darba: ***"Meta noqogħdu fix-xemx nismaru … imma meta noqogħdu fil-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija, insiru qaddisin."***

Il-ħbiberija tiegħu ma' Ġesù kibret bil-mod, fil-fond, u b'mod naturali, tant li anke l-ġenituri tiegħu bdew jinnutaw xi ħaġa differenti fih. F'dak iż-żmien, il-ġenituri tiegħu ma kinux jieklu l-għatba tal-knisja, imma f'binhom innutaw xi ħaġa differenti, bidla li ma setgħux jispjegaw. Bħal meta pjanta tikber qalb il-blat, ċkejkna għall-bidu, imma mhux lakemm twaqqafha.



Il-fidi hija vjaġġ, ħbiberija li tikber maż-żmien. Bħall-istorja taż-żewġ dixxipli fit-triq lejn Għemmaws. Wara l-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet, kien hemm żewġ dixxipli li kienu mexjin, imnikkta, konfużi u mitlufa. Ġesù ngħaqad magħhom fil-vjaġġ, imma m'għarfuhx mill-ewwel. Sema' d-diffikultajiet tagħhom, wieġeb il-mistoqsijiet u kompla jimxi magħhom. Kien biss waqt il-qsim tal-ħobż li għarfu li kien Ġesù. (Lq 24:13-35)

**Din hi l-mixja ta' fidi ma' Ġesù.**

Xi drabi ma nintebħux bih mill-ewwel. Xi drabi nħossuna 'l bogħod, jew distratti. Imma Ġesù dejjem hemm, jimxi magħna, jismagħna. U fl-Ewkaristija, bħal fit-triq lejn Għemmaws, fi qsim il-ħobż ifakkarna: ***"Jien hawn. Dejjem kont hawn."***

L-Ewkaristija mhix xi drawwa tal-Ħadd jew xi ħaġa li nagħmlu bħala obbligu. Hija pellegrinaġġ ta' tama, fejn ta' kuljum nimxu flimkien ma' Ġesù. Naqsmu ħajjitna, inħalluh imexxina, u nagħrfu li qatt m'aħna waħedna. Carlo ma kienx imur quddiem Kristu fl-Ewkaristija b'obbligu; kien imur għax hemm kien isib lill-Ħabib tiegħu. U dik għamlet id-differenza kollha.



## "Silent Mode On"

Inqattgħu ħafna ħin online, naqraw post wara l-oħra, nagħmlu likes, nirrispondu, nirreaġixxu. Imma kultant, l-aktar *notifications* qawwija mhumiex fuq il-mobile ... imma f'qalbna.

Carlo Acutis skopra li s-silenzju mhuwiex vojt, imma mimli bil-preżenza t'Alla.

M'għandekx għalfejn tkun fi knisja biex tħoss il-preżenza t'Alla. Hu jiltaqa' miegħek fejn tinsab: f'kamartek, fin-natura, fuq tal-linja, jew ħdejn il-baħar.

**Itfa' l-mobile fuq silent. Qatta' 5 minuti għall-kwiet mal-Mulej.**

**Ikteb ħsibijietek hawn:**

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ |

L-EWWEL ĠURNATA

IT-TIENI ĠURNATA

IT-TIELET ĠURNATA

IR-RABA' ĠURNATA

IL-ĦAMES ĠURNATA

IS-SITT ĠURNATA

- 3 -

# Żagħżugħ b'Qalb Kbira

# Żagħżugħ b'Qalb Kbira

Kulħadd iħobb kawża ġusta, mhux hekk? Kważi saret tradizzjoni Maltija li jekk ikun hemm xi maratona, ġbir fuq livell nazzjonali, jew xi attività għall-karità, tarana ninġabru. B'xi Istrina fuq it-televiżjoni jew maratona, tarana lkoll nagħtu minn li jkollna biex ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn. Dan kollu hu sabiħ. Finalment dan kollu hu mod kif tkun ġeneruż.




Carlo ma kienx differenti. Kien jagħti minn flusu għall-karità u jieħu sehem f'inizjattivi biex jgħin lill-oħrajn. Iżda dak li verament kien jagħmlu speċjali, ma kienx biss li kien jagħti d-donazzjonijiet jew li kien jipparteċipa f'dawn l-attivitajiet. Imma Carlo, bil-mod tiegħu, jurina li Ġesù qed jistedinna mmorru pass oltre. Finalment, wara kull sitwazzjoni hemm persuna.

Hemm Isem. Wiċċ. Qalb li tixtieq tkun milqugħa, mismugħa, u maħbuba.

Aħna mhux mistennija nsolvu l-problemi kollha tad-dinja. Imma kull wieħed u waħda minna hu msejjaħ biex nittrattaw lil xulxin b'sens ta' dinjità, imħabba, u naraw lill-bniedem u mhux is-sitwazzjoni li jinsab fiha.

Carlo għex dan b'mod sabiħ. Ta spiss kien jagħti daqqa t'id fil-kċina ta' Caritas f'Milan, mhux biss biex iqassam l-ikel, imma biex ikun ta' kumpanija. Kultant kien idur it-toroq iqassam xarbiet sħan u ikel, mhux milli kien jifdal id-dar imma ikel ippreparat apposta, bħalma jkunu kielu bħala familja. Kien jixtri sleeping bags minn flusu u joħroġ ifittex lil min kien fil-bżonn, dejjem lest bi tbissima, kelma tajba, u l-ħin tiegħu.

Il-karità mhix biss fl-għotja tal-flus. Hija li tkun preżenti, b'qalbek miftuħa għall-oħrajn. Li tara b'għajnejn ġodda, li tara lil Kristu f'kull min tiltaqa' miegħu.

Din hi eżattament il-missjoni li tana Ġesù meta tkellem fuq il-ħidmiet tal-ħniena. Mhux ideat tal-antik, tal-qaddisin fl-istatwi jew fil-pitturi, imma modi konkreti kif nistgħu nħobbu.

- Nitimgħu lil min hu bil-ġuħ.
- Inżuru lill-morda.
- Nikkonslaw lil min hu waħdu.
- Naqsmu dak li għandna.
- Niddefendu lil min hu fil-bżonn.
- Inkunu ħbieb ma' min iħossu inviżibbli.



Forsi ma għandniex soup kitchens kullimkien, u mnalla m'għandniex bżonn li jkollna f'kull raħal, imma mdawrin b'nies li għandhom bżonn l-imħabba. Forsi sieħbek tal-klassi li dejjem jiekol waħdu. Forsi xi ġar anzjan li ma jkollux ma' min jgħid kelma. Forsi familtna stess, għandna bżonn inkunu aktar paċenzjużi, lesti biex naħfru, u aktar preżenti.

Li tħobb lill-proxxmu tiegħek ma jfissirx li trid tagħmel xi ġest kbir. Kultant hi kwistjoni sempliċi (u xi ftit diffiċli) li twarrab il-mobile, biex tisma' tassew lil xi ħadd li għandu bżonn jgħid kelma. Tista' wkoll tkun li tibgħat messaġġ ta' kuraġġ lil ħabib li taf li hu għaddej minn żmien diffiċli. Li taqsam in-noti mal-kollega li ma jistax ilaħħaq fl-istudju. Li tagħmel l-almu tiegħek.



Rajesh Mohur, ħaddiem f'dar ta' Carlo, jirrakkonta:

***"Meta Carlo kien jitkellem miegħi dwar Alla, kien jagħmel dan b'tant ħlewwa ... kien bħallikieku konna diġà fil-Ġenna."***

Din hi l-imħabba li aħna msejħin ngħixu, imħabba li twassal lil dak li jkun iħossu sigur u milqi. Hekk tinbidel id-dinja: b'atti żgħar ta' mħabba, li xi drabi ma ninnutawhomx.

U bħal Carlo, aħna mistiedna nkunu sens ta' Ġenna lill-oħrajn.



# Tombla ta' Ġenerożità

**"Ħa jsir kollox fostkom bl-imħabba."**
1 Korintin 16:14

Biex tkun qalbek tajba ma jfissirx li trid tagħmel ġesti kbar u drammatiċi. Kultant huma l-affarijiet żgħar — bħal tbissima, messaġġ, ġest ċkejken — li jistgħu jbiddlu l-burdata ta' dak li jkun.

Carlo ma kienx jistenna avvenimenti kbar ta' karità biex juri mħabbtu. Huwa għażel li jgħin ftit ftit kuljum.

**Issa inti jmiss.**

Kemm tiflaħ tkun ġeneruż? Din il-ġimgħa agħmel kemm tiflaħ minn dawn u mmarka liema tkun lestejt. Kapaċi tlesti tombla sħiħa?

***Ftakar: Kull att ta' mħabba jagħmel differenza***

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Tgħajt kompliment lil xi ħadd | Tbissimt lil xi ħadd li ma nafx | Bgħatt messaġġ lil xi ħadd li ili ma nkellem | Żammejt il-bieb miftuħ lil xi ħadd | Għedt "grazzi" lil xi għalliem jew mentor |
| Ġbart xi żibel minn mal-art | Għent lil xi ħadd iġorr xi ħaġa | Tlabt għal xi ħadd b'mod sigriet | Tgħajt donazzjoni ta' ħwejjeġ / affarijiet li ma nużax | Smajt lil xi ħadd mingħajr ma telliftu |
| Stedint lil xi ħadd biex ipoġġi ħdejja | Ktibt nota ġentili lil membru tal-familja | Għent lil xi ħadd jitbissem | Għent fid-dar mingħajr ħadd ma qalli | Qsamt xi ħaġa li nħobb (kanzunetta, ktieb, vers) |
| Ċedejt posti għal ħaddieħor | Bgħatt DM pożittiv lil xi ħadd | Għamilt xi xogħol ta' volontarjat | Qsamt xi ħaġa tal-ikel ma' xi ħadd | Skużajt ruħi b'mod xieraq |
| Ħeġġiġt lil xi ħadd li ma kienx qed iħossu tajjeb | Għamilt att tajjeb b'mod anonimu | Tlabt għall-paċi fid-dinja | Tgħajt l-attenzjoni tiegħi lil xi ħadd | Għent lil xi ħadd iħossu inkluż |

- 4 -

# Iż-Żagħżugħ; Id-Dixxiplu

# Iż-Żagħżugħ: Id-Dixxiplu

Qatt sibt xi serje jew xi film li tant ikun jogħġbok li ma tkunx tista' tieqaf titkellem fuqu? It-tip li tkun trid tirrikkmandah lil kulħadd — sħabek, kuġini, għalliema — bażikament lil kull min tinzerta tkun qed titkellem miegħu?

Mhix imġiba sfurzata, imma pjuttost naturali, le? Meta tassew inħobbu xi ħaġa, ma nkunux nistgħu nżommuha għalina.

Hekk jiġri meta nsiru nafu lil Ġesù. Meta ntiegħmu t-tjubija tal-ħbiberija miegħu, meta nesperjenzaw il-paċi, il-ferħ, u t-tifsira li tiġi meta nimxu miegħu, inkunu nixtiequ li oħrajn jesperjenzaw dan ukoll.

L-istess l-evanġelizzazzjoni. Meta wieħed jevanġelizza ma jfissirx li dan jaqbad mikrofonu, jitla' fuq palk, u jibda jxandar mal-erba' rjiħat lil Alla. Li tevanġelizza tfisser li tant tesperjenza l-imħabba t'Alla li tkun qisek tazza li tibqa' tfawwar, din l-imħabba li tfur f'kull kelma li nlissnu, kull deċiżjoni li nieħdu, fl-imġiba tagħna mal-oħrajn.

Hi li nħallu 'l-għemilna jitkellem għalina, mhux għax aħna perfetti, imma għax iltqajna ma' Ġesù u ferħ bħal dak ma għandniex inżommuh għalina biss.



Hawnhekk fejn jidħol it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. Ara dan it-tagħlim bħal kaxxa tal-għodda, li tgħinna mhux biss biex nitkellmu fuq il-fidi, imma fuq kollox biex ngħixuha tassew. Għodda li tgħallimna nħobbu aħjar, naġixxu b'mod ġust u naraw il-valur f'kull persuna.

Dan li ispira lil San Carlo Acutis, biex fl-età żgħira ta' 11-il sena beda juża t-talent tiegħu fit-teknoloġija, ħoloq sit dwar il-mirakli ewkaristiċi, biex jaqsam mad-dinja kollha t-teżor kbir li skopra, lil Ġesù, ħaj u preżenti fl-Ewkaristija, iċ-ċentru tal-fidi tagħna.



"It-tagħlim soċjali tal-Knisja hu fih innifsu strument tajjeb ta' evanġelizzazzjoni: bħala dan, ixandar lil Alla u l-misteru tiegħu ta' salvazzjoni fi Kristu lill-bnedmin kollha, u proprju għalhekk, juri l-bniedem lilu nnifsu."

San Ġwanni Pawlu II, Centesimus Annus, 1991, n. 54

San Ġwanni Pawlu II jispjega li t-tagħlim soċjali tal-Knisja mhux biss dwar il-ġustizzja jew l-istrutturi tas-soċjetà. Dan it-tagħlim hu bbażat fl-Evanġelju u jagħmel parti integrali fil-missjoni tagħna bħala Knisja evanġelizzatriċi (li naqsmu l-messaġġ ta' Ġesù mal-oħrajn). It-tagħlim soċjali tal-Knisja jgħinna nifhmu d-dinjità tagħna, l-iskop tagħna, u kif ngħixu flimkien bħala komunità.

It-tagħlim soċjali tal-Knisja jgħinna nifhmu li kull azzjoni, ċkejkna kemm hi ċkejkna, għandha l-qawwa li tibni dinja aktar ġusta, maħbuba, u umana.

Carlo jurina li l-evanġelizzazzjoni tibda minn fejn aħna:

- **Fil-mod kif nittrattaw lil sħabna**
  kull ħajja umana għandha dinjità.
- **Fil-kawżi li nagħtu widen għalihom**
  aħna msejħin nieħdu ħsieb il-foqra u l-vulnerabbli.
- **Fi kliemna online u offline**
  magħmulin għar-relazzjonijiet u l-komunità.
- **Fil-mod ta' kif niddefendu d-dinjità ta' kull kull persuna**
  aħna għandna r-responsabbiltà li nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu.

U hawn hi l-isfida għalina … u li kieku nazzardaw nagħmlu l-istess?

Għax meta ngħixu hekk, il-fidi ssir kontaġjuża.

U permezz tagħna, bħalma kien permezz ta' Carlo, nies oħra jistgħu jiltaqgħu ma' Ġesù wkoll.

Li tkun dixxiplu llum ifisser li ma tibżax tkun differenti. Li tkun int innifsek, b'fidi soda, b'qalbek mimlija mħabba, u meta jkun meħtieġ tkun kuraġġuż li tqum kontra l-kurrent. Li tkun dik il-persuna li tiddefendi lil min hu waħdu, li titkellem il-verità meta hu eħfef toqgħod sieket, li tmexxi bil-ferħ u mhux bl-għadab.



# L-Għodod Tiegħi għall-Evanġelizzazzjoni

**“Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha...”**

Mattew 28:19

Alla ħalqek b’sett uniku ta’ doni, talenti, ħolm, u karattru speċjali. Dawn kollha jistgħu jintużaw biex iġibu l-imħabba, it-tama u l-ferħ fid-dinja.

**Carlo uża l-ħiliet tiegħu tatt-teknoloġija. U inti?**

Dan hu l-ispazju għalik sabiex taħseb, toħlom, u toħloq.

Uża dik l-għodda li tinsab fik, biex tfassal kif tista’ tgħix id-dixxipulat b’mod uniku għalik. Araha bħala l-‘starter pack spiritwali’ tiegħek biex tbiddel id-dinja.

**1. It-Talenti Tiegħi**

*Fiex jien tajjeb/a naturalment?*

---

**2. Il-Passjonijiet Tiegħi:**

*Xi jqanqalni? Fuq xiex inħobb nitkellem? X'jispirani?*

---

**3. L-Għodod Kreattivi tiegħi**

*Kif inħobb nesprimi ruħi?*

- ☐ Social Media
- ☐ Mużika
- ☐ Arti / Disinji
- ☐ Kitba
- ☐ Vidjow / Fotografija
- ☐ Sport
- ☐ Ngħin lil ħaddieħor
- ☐ B'mod ieħor: ______

**4. Kawżi li huma għal qalbi:**

- ☐ L-Ambjent
- ☐ Is-Saħħa Mentali
- ☐ Il-Faqar u l-Ġustizzja
- ☐ L-Inklużjoni
- ☐ L-Edukazzjoni
- ☐ Il-Fidi u l-Ispiritwalità
- ☐ Kawża Oħra: ______

**Kun dak li ħalqek Alla, inti min inti, mhux kopja ta' ħaddieħor.**

# Talba

O Alla, Missierna,

Irroddulek ħajr li tajtna lil Carlo, mudell ta' ħajja għaż-żgħażagħ, u messaġġ ta' mħabba għal kulħadd. Int għamiltu namrat ta' Ibnek Ġesù, u hu għażel l-Ewkaristija bħala t-triq ewlenija tiegħu lejn il-Ġenna. Int tajtu lil Marija bħala Omm l-aktar maħbuba, u bir-Rużarju għamilt minnu għannej tal-ħlewwa tagħha. Ilqa' t-talb tiegħu għalina. Fuq kollox, ħu ħsieb tal-foqra, li hu ħabb u għalihom qabeż.

U lili wkoll agħtini, għall-interċessjoni tiegħu, il-grazzja li neħtieġ (semmi l-intenzjoni tiegħek). U Grazzi talli ilqajt lil Carlo fost il-qaddisin tal-Knisja Mqaddsa tiegħek, biex it-tbissima tiegħu terġa' tiddi għalina mill-ġdid, għall-glorja ta' ismek.

Ammen.

# Prayer

O God our Father, we thank you for giving us Carlo, a model of life for young people, and a message of love for all. You made him fall in love with your son Jesus, making the Eucharist his "highway to heaven." You gave him Mary as a beloved mother, and you made him, through the Rosary, a cantor of her tenderness. Receive his prayer for us. Look above all upon the poor, whom he loved and assisted.

Grant me too, through his intercession, the grace that I need (mention your intention). And thank you for raising Carlo among the saints of your Church, so that his smile shines again for us to the glory of your name.

Amen.

**1. My Strenghts:**
*What am I naturally good at?*

---

---

---

**2. My Passions:**
*What makes me excited, curious, inspired?*

---

---

---

**3. My Creative Tools:**
*How do I like to express myself?*

- ☐ Social Media
- ☐ Music
- ☐ Art / Design
- ☐ Writing
- ☐ Video / Photography
- ☐ Sports
- ☐ Helping Others
- ☐ Other: ______

**4. The Causes I Care About:**

- ☐ The Environment
- ☐ Mental Health
- ☐ Poverty & Justice
- ☐ Inclusion
- ☐ Education
- ☐ Faith & Spirituality
- ☐ Other: ______

**“Be the original God created you to be, not a photocopy.”**

# My Evangelisation Toolkit

**“Go and make disciples of all nations.”**

Matthew 28:19

God created you with a unique set of gifts, talents, quirks, and dreams, and all of these can be used to bring love, hope, and joy into the world.

**Carlo used his skills in tech. What about you?**

This is your space to reflect, dream, and create.
Use the toolkit below to map out your personal way of living discipleship. Think of it like your own “spiritual starter pack” for changing the world.

Being a disciple today means daring to be different. It means being unapologetically yourself, rooted in faith, grounded in love, and not afraid to be counter-cultural when needed. It's about being that person who isn't scared to stand up for someone else, to speak truth when it's easier to stay quiet, to lead with joy and not cynicism.



Catholic Social Teaching reminds us that every action, even the small ones, have the power to build a more just, loving, and human world.

Carlo teaches us that evangelisation starts where we are:

- **In how we treat our friends.**
  Every human life has dignity.
- **In the causes we support.**
  We are called to care for the poor and vulnerable.
- **In the words we speak online and offline.**
  We are made for community and relationship.
- **In the way we defend the dignity of every person we meet.**
  We have a responsibility to protect creation.

And here's the challenge for us...what if we dared to do the same?

Because when we live that way, faith becomes contagious.

And through us – just like through Carlo – others can meet Jesus too.

This brings us to Catholic Social Teaching comes in. Think of it like a tool kit, not just for talking about our faith, but for building a life that reflects it. It's full of wisdom that helps us love better, act justly, and see the dignity in every person.

This is exactly what inspired Saint Carlo Acutis. At just 11 years old, he found his way of putting faith into action. Using his skills in technology, he created a website showcasing Eucharistic miracles, sharing with the world the greatest treasure he had discovered: Jesus, fully alive and present in the Eucharist, the heart of our faith.



"Catholic social teaching is itself a valid instrument of evangelization. As such, it proclaims God and his mystery of salvation in Christ to every human being, and for that very reason reveals man to himself."

Saint John Paul II, Centesimus Annus, 1991, no. 54

Saint John Paul II underscores how Catholic Social Teaching isn't just about social structures or justice, it's rooted in the Gospel and integral to the Church's mission of evangelization (sharing Jesus` message). It helps people understand their dignity, their purpose, and how to live in communion with others.

# The Teen; The Disciple

Have you ever found a series or movie that you just couldn't stop talking about? The kind that hooks you in so deeply that you start recommending it to everyone, your friends, your cousins, your teachers, anyone who will listen?

It's not forced. It's natural. Why? Because when we love something, when we really love it, we can't help but share it.

This is exactly what happens when we fall in love with Jesus. When we taste the beauty of His friendship, when we feel the peace, the joy, the purpose that comes from walking with Him, we want others to experience it too.

Evangelisation isn't about standing on a stage with a microphone. It's about living so deeply rooted in Christ's love that it overflows, into our words, our choices, and the way we treat every person we meet.

It's about letting our lives speak. Not because we're perfect. But because we've met Jesus, and joy like that was never meant to be kept to ourselves.



- 4 -

# The Teen;
# The Disciple

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Gave someone a compliment | Smiled at a stranger | Texted a friend I haven’t spoken to in a while | Held the door open for someone | Thanked a teacher or mentor |
| Picked up litter from the ground | Helped someone carry something | Prayed for someone secretly | Donated clothes or items I don’t use | Listened to someone without interrupting |
| Invited someone to sit with me | Wrote a kind note to a family member | Made someone laugh | Helped out at home without being asked | Shared something I love (song, book, quote) |
| Gave up my seat for someone | Sent a positive DM to someone | Volunteered my time | Shared a meal/snack with someone | Said sorry and meant it |
| Encouraged someone who was feeling down | Did something kind anonymously | Prayed for peace in the world | Gave someone my full attention | Made someone feel included |

# Kindness Bingo

**“Let all that you do be done in love.”**
1 Corinthians 16:14

Being kind doesn’t always mean doing something huge or drastic. Sometimes, it’s the little things, a smile, a message, a small gesture, that can turn someone’s day around.

Carlo didn’t wait for a big charity event to show love, he made kindness part of his everyday life.

**Now it’s your turn.**

Your challenge? Complete as many acts of kindness as you can this week. Tick them off as you go. Can you score a full bingo?

***Remember: No act of kindness is ever wasted.***

As Rajesh Mohur, a worker in Carlo's home, once said: ***"When Carlo spoke to me about God, he did it with so much sweetness... it was like we had already gone up to Heaven."***

That's the kind of love we're called to live, a love that makes people feel seen, safe, and at home.

That's how we change the world, one small, unnoticed act of love at a time.
And just like Carlo, we're invited to become the kind of friend that reminds people what Heaven feels like.



We might not have many soup kitchens, and thank God we do not need one, in every town... but we all have people around us who need love. Maybe it's that classmate who always eats lunch alone. Maybe it's the neighbour who lives alone and would love a short visit or a smile. Maybe it's our own family,  being more patient, more forgiving, more present.

Loving your neighbour doesn't always mean doing something "big" or "impressive." Sometimes it's as simple (and as difficult) as putting down your phone when someone needs to talk. Sending a message to check in on a friend going through a hard time. Sharing your notes with someone who's struggling at school. Giving your best, not your leftovers.



And Carlo lived this beautifully. He would often volunteer at the Caritas soup kitchen in Milan, not just to serve food but to be with the people there. Sometimes he would walk around the city with hot drinks and meals (not leftovers but he would ask his parents to prepare hot meals, the very same food they were eating at home), looking out for those who had no place to call their own. He would buy sleeping bags with his own money and go out around Milan looking for those in need, always ready with a smile, a kind word, and time.



Charity isn't just about money or grand gestures. It's about presence. About making space in our hearts for others. About seeing with new eyes, seeing Jesus in every face.

This is exactly what Jesus teaches us when He speaks about the works of mercy. These aren't old-fashioned ideas for saints in statues or paintings, they are real, concrete ways we can love the people right in front of us.

- Feed the hungry.
- Visit the sick.
- Comfort the lonely.
- Share what you have.
- Stand up for those who are struggling.
- Be a friend to someone who feels invisible.

# The Teen with a Big Heart

We all love a good cause, right? It's almost become a Maltese tradition, whenever there's a big national fundraiser or charity event, we show up. Schools organise marathons, TV stations run telethons, we donate what we can, all to help those most in need. And let's be real, that's beautiful. It's generosity in action.




Carlo was no different. Like us, he would happily give a little from his pocket money to charity or take part in initiatives to help others. But here's the thing, what made Carlo stand out wasn't just the fact that he donated or took part in these events.

See, sometimes we stop at the donation. Maybe we join in a charity walk once a year or run a bake sale for a good cause, and that's great. But through Carlo's example, Jesus is gently challenging us to go a step further. Behind every difficult situation... there's a person.

A name. A story. A heart longing to be seen, heard, and loved.

We're not called to fix all the problems of the world, that's impossible. But we are called to treat every person we meet with dignity, with love, to see beyond their struggles and recognise their worth.

- 3 -

# The Teen With a Big Heart

## Write your thoughts here:

1 ☐ 2 ☐ 3 ☐ 4 ☐ 5 ☐ 6 ☐

DAY ONE

DAY TWO

DAY THREE

DAY FOUR

DAY FIVE

DAY 6

**That's what walking with Jesus is like.**

Sometimes we don't notice Him right away. Sometimes we feel far away or distracted. But Jesus always shows up. He walks with us. He listens. And in the Eucharist, just like on the road to Emmaus, He breaks bread and reminds us: ***"I'm here. I've always been here."***

The Eucharist isn't just a Sunday ritual or something we do out of obligation. It's a pilgrimage, a journey of hope where we walk with Jesus every day, sharing our lives with Him, letting Him guide us, and knowing that we're never alone. Carlo didn't just go to the Eucharist because he had to, he went because, for him, it was where he could meet his friend, Jesus, face-to-face. And that made all the difference.



## "Silent Mode On"

We spend so much of our time online, doom scrolling, liking, replying, reacting. But sometimes, the loudest notifications aren't on our phones... they're in our hearts. Carlo Acutis discovered that silence wasn't empty, it was full of God's presence.

You don't need to be in a church to feel God near you. He meets you where you are, in your room, in nature, on your bus ride, or sitting by the sea.

**Put your phone on Silent Mode.**
**- Take 5 minutes just for God.**

The more time Carlo spent with Jesus in the Eucharist, the more his heart changed, just like when you leave a room full of flowers, and you come out smelling like roses. He didn't need fancy prayers or complicated words, just an honest conversation, sharing his life, his joys, and his struggles with Jesus, his friend.

Carlo once said: ***"When we face the sun we get a tan ... but when we stand before Jesus in the Eucharist, we become saints."***

His friendship with Jesus grew quietly, deeply, and naturally so much so that even his parents were surprised. They weren't regular churchgoers at the time. Yet, in their son, they saw something unexplainable... something different. It was like a tiny plant growing stubbornly in the middle of rocks, small at first, but unstoppable.



Faith is a journey, a friendship that grows over time, just like the story of the two disciples on the road to Emmaus. After Jesus rose from the dead, two of His followers were walking along feeling sad, confused, and lost. Jesus showed up and walked beside them, but they didn't recognise Him right away. He listened to their struggles, answered their questions, and journeyed with them. It was only later, when He broke bread with them, that their eyes were opened, and they realised it had been Jesus with them all along. (Luke 24:13-35)

# The Teen Who Found a Friend in the Eucharist

When we think about friendships, we often picture hanging out with our friends, chatting, laughing, and sharing our lives. Whether it's in person or through our phones, friendships are built on staying connected.

Think about it, when you're scrolling and find a funny *reel* or come across something you love, what's the first thing you do? **You share it with your friends.**



It's automatic. Our phones have become like an open invitation to stay close to the people we care about, anytime, and anywhere. Most of us even have our own little rituals; checking our phones first thing in the morning or just before bed, because we want to stay connected.

Carlo had a habit too. But his looked a little different.

Every day, he would stop by a church, sit in silence, and spend time in front of the tabernacle. For Carlo, Jesus wasn't just someone he heard about during Mass, He was a real friend. And like a friend who's always online, always available, Jesus waits for us in the Eucharist with an open invitation to hang out.



- 2 -

# The Teen Who Found a Friend in the Eucharist



# Post It like Carlo!

Just like Carlo Acutis used the internet to share what mattered most to him, we're invited to be creative evangelisers in our own way.

---

**Think about it...** if you had one post, one reel, or one story to catch someone's attention for Christ, what would it look like?

**Design your own Faith Post for social media.**

It can be about:

- Jesus
- A saint you admire
- The Eucharist
- A verse from the Bible
- A quote that inspires you
- Your own experience of faith

This can be:

- An Instagram post design
- A reel concept
- A TikTok idea
- A hashtag campaign
- A caption/message



## Design it here!

Write your caption!

Create your hashtag!

#

We discovered freedom online. And that's exactly what Carlo Acutis saw too.

Carlo realised that the internet was one of the most powerful tools of his generation. He noticed how people were sharing their passions and interests through new online communities, and he asked himself: ***"Why not use the internet to spread the Gospel? Why not use this tool to help people get closer to Jesus?"*** So that's exactly what he did.

Carlo used his skills to create a website dedicated to Eucharistic miracles from all over the world. He researched them, gathered the stories, organised the information, and designed an online space where people could discover these powerful signs of God's presence.

And this wasn't just a small school project, Carlo's exhibition on Eucharistic miracles eventually travelled the globe! His work reached churches, parishes, schools, and even places he would never get to visit in person.



He once said: ***"The Eucharist is my highway to Heaven."*** And through his website, he wanted to help others discover that same road.

He didn't do anything impossible. He simply used the tools he had, a computer, a love for Jesus, and a heart willing to serve.

Carlo showed us that you don't need to be a priest, a nun, or a grown-up to make a difference in the world. Holiness isn't about being boring or perfect. It's about loving deeply, living honestly, and using whatever you have, even your TikTok or Instagram feed, to point others towards something greater.

# The Teen Who Put The Eucharist Online

Let's be real, nowadays, being online is just part of everyday life. We love sharing what we're up to, posting our best pics, and maybe even trying out a cool video or trend just to get a few extra likes. The internet has become our second home, a place where we live, chat, laugh, and express ourselves... and sometimes, we spend way too long scrolling through what everyone else is doing too. Social media feels like one big race for likes, views, and followers. Everyone wants to be an influencer.

**But it wasn't always like this.**



Allow me, a little old millennial, to tell you what it was like living at the dawn of the internet.

In the dark ages (also known as the 90s), a new invention hit the technological world: it was called the Internet! It was rare, exciting, and full of unknown possibilities. It was a time of discovery, a time when the world suddenly felt smaller, and your message could travel across the globe in just a few seconds.

- 1 -

# The Teen Who Put The Eucharist Online



This booklet isn't here to preach at you or tell you how to be perfect. It's here to show you that faith isn't just something for old people or "holy" people. It's for real people, for you, for me, for anyone who's brave enough to be their true self and let God in.

So take a few minutes, flip through Carlo's story, and see what sticks with you. Who knows? You might just discover that being yourself, ***your real, unfiltered, original self,*** is exactly what the world needs right now.

# Introduction

Ever feel like the world wants everyone to look the same, act the same, post the same, dress the same? It's easy to fall into the trap of copying what everyone else is doing, just to feel accepted.

But then comes Carlo Acutis, a normal teenager who totally flipped that idea on its head. He once said, ***"All people are born as originals, but many die as photocopies."***

**In other words, you were born to be you, not a copy of someone else.**

Carlo, born in 1991, loved football, video games, animals, hanging out with friends, and yes... even had to deal with homework. But what made Carlo different was the way he lived, he lived with purpose. He didn't waste time trying to be someone he wasn't. He loved God in a real, simple, everyday kind of way, and that's exactly what made him stand out.

He didn't live a long life, he died when he was just 15, but he definitely made it count. Today, he's a Saint (yep! an actual Saint!) and people all over the world look up to him for the way he lived life to the full, loved deeply, and stayed true to himself.

# Carlo

mcyn

malta catholic youth network

**Text by:**

Deborah Ebejer
Malta Catholic Youth Network
Resource for adolescents

**Design:**
Nicolai Borg
Digital Presence Office – Archdiocese of Malta

**ISBN:**
978-99932-49-74-0


EN
Carlo
mcyn
malta catholic youth network